MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2011

Numru. 518/2003

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**
**SPETTUR CHRIS PULLICINO**
**VS**
**JOSEPH GALEA**
**JOSEPH ATTARD**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Galea ta’ 44 sena, iben Carmelo u Josephine nee’ Fenech, imwieled Australia nhar it-23 ta’ Dicembru 1958, residenti Flamingo Hse, Triq l-Etna, Mellieha u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 31182(M). Joseph Attard ta’ 43 sena, iben Joseph u Emmanuela nee’ Vella, imwieled Mellieha nhar id-19 ta’ Marzu 1960, residenti 162, Triq il-Mithna Gdida, Mellieha u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 252360(M);

Illi huma akkuzati talli:

Nhar it-12 ta’ Gunju 2003, ghall-habta tas-6.30 ta’ filghaxija, fil-limiti maghrufa bhala Ta’ Skrejda, fil-Mellieha, ikommettew serq ta’ *mobile phone* minn fuq il-persuna ta’ Emmanuel Sammut, liema serq li huwa kkwalifikat bil-vjolenza, sar ghad-detriment ta’ l-istess Emmanuel Sammut;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebbew ghal Emmanuel Sammut u kkagunaw feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ l-imsemmi persuna skond kif gie ccertifikat mit-tabib Duncan Aquilina (Lic. No. 9741) mill-Isptar San Luqa;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi heddew bil-fomm lil Emmanuel Sammut b’xi delitt fejn flimkien ma’ dan it-theddid kien hemm ordni jew kondizzjoni;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, uzaw il-vjolenza sabiex giehlu lil Emmanuel Sammut jaghmel, ihalli isir, jew jonqos milli jaghmel xi haga;

**<u>Lil Joseph Galea wahdu akkuzat ukoll talli</u>**:

Fil-limiti maghrufa bhala ta’ skrejda fil-Mellieha, nhar it-12 ta’ Gunju, 2003, ghall-habta tas-6.30 ta’ filghaxija bil-hsieb li jikkometti reat u cioe’ offiza ta’ natura gravi u permanenti fuq il-persuna ta’ Emanuel Sammut mill-Mellieha, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, billi saq il-vettura ta’ l-ghamla tractor bin-numru tar-registrazzjoni ABE-682 fid-direzzjoni tieghu, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu;

**<u>Lil Joseph Attard wahdu akkuzat ukoll talli</u>**:

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-Ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita’ tieghu nniffsu, lil xi hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li

tkun jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu jew b'xi mod iehor, kontra l-Ligi, indahal fi hwejjeg haddiehor;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol.400) fejn din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal datat 19 ta' Gunju 2006 (a fol.399) fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Mix-xhieda ta' l-Ispettur Joseph Mercieca (a fol.22 et seq.) jirrizulta li l-kwerelant Emanuel Sammut irregistra rapport l-Ghassa tal-Pulizija fit-13 ta' Gunju, illi l-gurnata ta' qabel (12 ta' Gunju), waqt li kien qed jaqta' xi bajtar mill-ghalqa ta' 'Skrejder', limiti tal-Mellieha, l-imputati Attard u Galea kienu sawtuh, hedduh u serqulu *mobile* u li Galea pprova jsuq ghal fuqu fi *tractor* bin-numru tar-registrazzjoni AB 682. Joseph Galea kien ordna lill-kwerelant biex ihallas lil Attard is-somma ta' hamsin elf Lira Maltin (Lm50,000) ta' xoghol li kien telfu. Il-kwerelant informa lil Qorti illi huwa kien qabad il-*mobile* u li pprova jcempel ghall-ghajjut izda Galea hatafulu minn idu. Il-kwerelant ezebixxa certifikat mediku ta' Dok.PC111 fuq griehi ta' natura hafifa.

Spettur Mercieca nvestiga lill-imputati li cahhdu kull allegazzjoni tal-kwerelant. Huwa xehed illi kien hemm diversi kwistjonijiet bejn il-partijiet dwar ir-raba' fis-sens li l-kwerelant isostni illi nofs din l-art hija mqabbla lil Victoria Sammut (omm il-mara tal-kwerelant), waqt li n-nofs l-iehor hija mqabbla lil missier Joseph Attard u tinhadem mill-imputat Attard. Mal-parti t'isfel ta' l-ghalqa hemm is-sigar tal-bajtar u suppost il-frott jinqasam minn nofs bejn il-kwerelant u l-imputat Attard.

Spettur Mercieca xehed illi bejn il-partijiet hemm diversi kawzi civili. L-istqarriji ta’ l-imputati gew ezebiti bhala Dok.JM5 u Dok.JM6. Dawn l-istqarriji gew guramentati quddiem espert nominat fl-inkjesta. Giet ezebita ittra ta’ Dr. Angelo Farrugia lil Joseph Attard (Dok.JM7). In segwitu ta’ dan l-incident, l-ghada fis-sitta u nofs ta’ filghodu (6:30a.m.), sehh incident iehor fejn sehhet sparatura u kienu nvoluti l-partijiet u, fuq dan l-incident, issejhet inkjesta. Spettur Mercieca xehed (a fol.25) illi meta sehh l-ewwel incident, cioe dak meritu ta’ din ic-citazzjoni, kien hemm zewg (2) Pulizija tal-Mobile Squad illi assistew lill-kwerelant u kellmu lill-imputati li kienu cahdu, b’mod kategoriku, kull allegazzjoni maghmula mill-kwerelant. L-imputat Galea informa lil Pulizija li Joseph Attard kien tallbu jahratlu l-ghalqa bi *tractor* u li hekk kien qed jaghmel. Spettur Mercieca xehed li r-raba deher mahrut frisk.

Spettur Mercieca nforma lil Qorti illi l-imputati kienu rregistraw rapport l-Ghassa tal-Pulizija kontra Sammut minhabba l-incident ta’ l-isparatura. Spettur Mercieca kkonferma li, bejn il-kwerelant Sammut u l-imputat Attard, kien hemm diversi rapporti fuq diversi incidenti.

Spettur Mercieca, in kontro ezami, ikkonferma li l-kwerelant, kellu xi griehi u kien jidher ecitat meta kellmu. Fl-incident ta’ l-isparatura, Galea jghid illi ma kienx prezenti. L-imputat Attard jghid illi, l-ghada filghodu, huwa sab hafna hsarat fil-makkinarju u fl-ghodod li kienu jinzammu fil-kamra fl-ghalqa, li ftit wara gie Manuel Sammut bil-*van*, hargu zewg nisa u cioe Rose Zammit u Victoria Sammut, u li Manuel Sammut kellu senter f’idejh u kif rah armat, Attard jghid illi telaq jigri. Sema’ l-ewwel tir u ftit wara wasal fuq il-*main road* u ltaqa’ ma’ Joseph Galea u cemplu lil Pulizija. Manuel Sammut tela fuq it-trakk ta’ Joseph Galea u beda jarmi l-kaxex f’nofs ta’ triq. Waqt li Victoria Sammut qabdet il-basal u l-habaq minn fuq it-trakk ta’ Joseph Galea u remiethom f’nofs ta’ triq. Rose Zammit ma ghamlet xejn. Attard stqarr illi l-kwerelant hedded lil Joseph Galea meta kellu senter f’idejh: *“Li jaharqu bih.”*

Fl-istqarrija tieghu, Joseph Galea (a fol.40 et seq.) stqarr illi mhux normali li jkun f'dawk l-inhawi izda fit-12 ta' Dicembru kien mar f'din l-ghalqa ta' Attard biex jghinu jaqla' l-bajtar u biex jahratlu u ghal dan il-ghan, Attard talab permess minghand Carmen Azzopardi biex jghaddi bit-*tractor* minn fuq ir-raba taghha:

*"F'hin minnhom, waqt li kont ser nibda nahrat, osservajt lil Manuel javvicina lil Joe u kif Joe jkun ser jaqta' bajtra, Manuel jehodielu* (ara stqarrija a fol.41).

Illi ghalhekk Joe Galea ddecieda li jibda jahrat mil-lat l-aktar imbieghed minnhom, pero' ftit wara, l-imputat Attard tah struzzjonijiet biex jahrat minn naha ta' isfel. Illi dak il-hin gie Manuel u qadlu quddiem it-*tractor*, Galea wissieh biex izul minn quddiemu, tefa t-*tractor* fuq il-*first gear* u saq bil-mod. Sammut warrab mall-ewwel kif rah isuq. Galea xehed illi huwa baqa' jahrat u ma ndahalx bejn Sammut u Attard. Hu ra lil Manuel Sammut hiereg 'il barra mill-ghalqa u sejjer lejn il-*bypass*. Xi ftit hin wara nizlu tlett (3) Pulizija jkellmu lil Joseph Attard. Illi huwa waqaf jahrat sabiex ma jimlihomx bit-trabb tal-hamrija. Ftit wara, l-Pulizija ghajtulu halli jkellmuh u staqsewh jekk kienx tah xi xeba Sammut u kienx qattalu l-flokk. Joseph Galea nnega.

Joseph Galea xehed illi l-kwerelant Sammut talab lil Pulizija jcemplu n-numru tal-*mobile* tieghu, izda l-*mobile* tal-kwerelant, ghalkemm kien qed jirregistra *a ringing tone*, ma nstab imkien. Wara li lestew mill-hart, Galea nnega li f'xi hin huwa nizel minn fuq it-*tractor* u kellem lil Sammut, jew li hadlu l-*mobile,* jew li aggredieh. L-ghada filghodu, waqt li Joe Attard kien qed jaqta' l-bajtar u Galea kien sejjer lejn ir-raba tieghu, il-Qammiegh, ra lil Joseph Attard magenb it-triq abjad karti. Attard informah li Sammut mar ghalih. Dak il-hin ra lil omm Joseph Attard, gejjha minn naha ta' "Zeppi's Bar" u huma marru jiltaqghu maghha. Nizel *pick-up* bin-numru ta' registrazzjoni MAN058, li fih kien hemm il-kwerelant, il-mara tieghu u ohtha. Galea stqarr illi l-mara ta' Manuel Sammut telghet fuq it-trakk tieghu, qabdet il-kaxex tal-basal u habaq li kellu fuq it-trakk u tajrithom mat-triq kollha u bdiet

tinsulentah, waqt li Emanuel Sammut qabad il-kaxex vojta tal-pitkalija (mas-sittin kaxxa) u waddabhom fit-triq principali, fejn kienu ghaddejjin il-vetturi, u qallu l-kliem, *“Lilek irrid naharqek ukoll.”* Imbaghad Emanuel Sammut gab senter minn gol-*pick-up,* izda dan, ftit wara, rega’ dahlu. Fil-*van* tal-kwerelant kien hemm bejn tmienja u ghaxar (28)-il kaxxa bajtar, li Joe Attard qallu illi kienu bajtar illi nqataw mill-art tieghu.

Emanuel Sammut (a fol.46) xehed illi l-art in kwistjoni kienet imqabbla lil omm il-mara tieghu li kienet awtorizzat lilu u lil martu jidhlu fiha u jahdmuha; illi fid-data in kwistjoni, fis-sitta u nofs ta’ wara nofsinhar (6:30p.m.), nizel biex jaqta’ l-frott u ra lil Joseph Attard u Joseph Galea, nezlin bit-*tractor* mir-raba ta’ Sammut. Sammut xehed illi gie hdejh l-imputat Joseph Attard, qabad il-barmil u beda jaqta’ l-bajtar bl-addocc. Sa dan it-tant, Joseph Galea, baqa jahrat ir-raba ta’ Sammut u f’hin minnhom Attard dar ghal fuq Sammut u qallu: *“Ha tohrog ‘il barra?”* fost dagha b’Alla u bil-Madonna. Nelfrattemp, *tractor* gie b’velocita’ qawwija fuqu u *“Sakruni f’rokkna.”* (ara fol.48) Nizel Joe Galea, qabad barmil tal-*plastic* ta’ l-istess Sammut u libbisulu f’rasu, rega’ tela fuq it-*tractor* u saq ghal fuq Sammut, li kellu jaqbez ghal gos-sigar biex ma jintlaqatx. Joe Attard, minn naha tieghu, tghajjarlu l-kaxxa tal-bajtar minn idejn Sammut u tah daqqa ta’ ponn go wiccu u meddu ma’ l-art. Emanuel Sammut qam u Attard issussah mal-hajt, bil-konsegwenza li qatta t-*t-shirt* ta’ Sammut. Il-kwerelant xehed illi meta kien ma’ l-art, Joseph Galea beda jtih bis-sieq go zaqqu u bil-ponn go rasu u beda jghidlu: *“Din id-darba mintix ser tehlisha,”* fost theddid li ser jitfghu taht ir-romblu tat-*tractor*, iqattaw bicciet u jdewbu.

Sammut xehed illi f’daqqa wahda, Joe Attard gibbdu ‘il fuq, Galea hadlu t-*telephone* cellulari minn gol-qalziet u meta Sammut talbu t-*telephone*, tah daqqa ta’ ponn ohra. Emanuel Sammut xehed li Galea qallu li kellu jghati lil Joe Attard is-somma ta’ hamsin elf Liri Maltin (Lm50,000) u jiffirma gurament li mhux ser jirfes aktar fir-raba in kwistjoni. Wara dan qabad bajtra, bellaghhielu go halqu u mesahielu ma’ wiccu u qallu l-kliem: *“Inti thobbu l-bajtar?”*

Galea baqa jheddu illi, jekk ma jaghmilx dak li kien qed jghidlu, isibu.

Emanuel Sammut xehed illi rnexxielu jahrab minn taht idejjhom u spicca fil-*bypass* tal-Mellieha, fejn sab tlett (3) Pulizija tal-Mobile u waqqafhom. Hu qalilhom l-istorja kollha u l-Pulizija marru jkellmu lill-imputati. Wara li sar ir-rapport tal-Pulizija, huwa mar ghand it-tabib. Pero', meta mar id-Depot tal-Pulizija, qalulu biex imur l-isptar u huwa hekk ghamel. Illi, fil-fatt, dam tlett (3) gimghat bil-kullar.

PC 741 George Spiteri kkonferma li waqt li kien *patrol* il-Mellieha, waqqafhom Emanuel Sammut, li kien fi stat ecitat, kien liebes *shorts* u kellu zaqqu barra u qalilhom li kien ghadu kemm laqqat xeba; li l-*mobile* tieghu kien ghadu kemm insteraqlu; li l-*van* tieghu kien go ghalqa u ma setghax jiehdu lura. A fol.53, PC 741 nnota li l-kwerelant kellu grif fuq imniehru fuq daharu u fuq saqajh. Sammut indikalhom fejn il-*van* tieghu u l-Pulizija sabu zewg (2) irgiel. Il-Pulizija ghamlu tfittxija izda ma sabux il-*mobile* u taw struzzjonijiet sabiex iz-zewgt (2) irgiel jitilghu l-ghassa.

PC 741 George Spiteri xehed li Attard kien cahad l-allegazzjonijiet kollha maghmula minn Sammut. PC 741 xehed illi meta waslu fl-ghalqa sabu lill-imputati qeghdin jahdmu fl-ghalqa, wiehed minnhom kien qed jahdem bi *tractor*. **PC 741 Spiteri xehed li ma sab ebda flokk imqatta u li l-kwerelant qallu li dawn l-irgiel kienu tefawlu l-bajtar.** Il-Pulizija ghamlu tfittxija ghal *telephone* cellulari, pero' minkejja li dan it-*telephone* kien ghadu jahdem, ma nstemghax idoqq imkien. PC 741 xehed illi l-kwerelant ma qalilhomx li dawn iz-zewgt (2) irgiel kienu heddewh li ser iqattawh bicciet, jew li ser joqtluh, jew li riedu xi somom ta' flus. Ikkonferma li Attard kien qallu li, ta' sikwit, Sammut kien jaghmel rapporti l-Ghassa fuqu.

PC 844 Joseph Muscat (a fol.60 et seq.) ikkonferma x-xhieda ta' PC 741 George Spiteri, fis-sens li, **r-rapport inizjali ta' Sammut kien fuq swat u serq ta' *mobile* u li ma setghax jiehu lura l-*van*.** Ikkonferma l-grif illi ra fuq il-persuna tal-kwerelant u gharaf liz-zewg (2) imputati. PC

844 Joseph Muscat jghid illi l-kwerelant kien liebes biss *shorts*, kien hafi u bla flokk, *"Qalli li l-flokk haduhulu u li ma riedux jtuhulu."* (ara xhieda a fol.61).

In kontro ezami, PC 844 Joseph Muscat, ma setghax jiftakar jekk fl-ghalqa rawx xi flokk jew xi barmil. Huwa qal li l-imputati cahdu li sawtu lil Sammut jew li hadulu l-*mobile*. Illi, meta l-Pulizija waslu f'din l-ghalqa, **l-imputati deheru kalmi u kienu qeghdin jahdmu fl-ghalqa**. PC 844 Muscat ikkonferma li wettqu tfittxija fuq il-persuni ta' l-imputati u ma sabu xejn. PC 844 xehed li Sammut **qal lil Pulizija li Attard kien rassu mal-hajt, hataflu l-*mobile* u nehhielu l-flokk**, biex ma jkunx jista' jcempel lil Pulizija. PC 844 Joseph Muscat xehed illi huma ma fettxewx ghall-flokk tal-kwerelant izda ghal *mobile*. PC 844 Muscat ikkonferma **illi l-kwerelant kellu grif izda mhux dmiegha.**

Victoria Sammut (a fol.74 et seq.) ikkonfermat illi zewgha kien qalilha li ser imur fir-raba ta' 'Skrejda' biex jaqta l-bajtar, li ftit wara cemplilha biex tatih it-*telephone numbers* ta' Dr. Farrugia u ta' Dr. Gatt u qalilha li kien l-Ghassa tal-Mellieha. Minn hemmhekk, hija marret ghand ommha u sussegwentement ghand ohtha, li toqghod fil-vicin, izda ma sabet lil hadd. Imbaghad irritornat id-dar fejn cemplitilha ommha li informatha li kienu qeghdin l-isptar. Victoria Sammut xehedet illi hija kienet qed iccempel fuq il-*mobile* ta' zewgha u li dan daqqa ma jirrispondix u daqqa tinqata' l-linja.

Victoria Sammut xehedet illi meta marret l-isptar, sabet lil zewgha kellu "gundella fuq widnejh", brix fuq imniehru u **li kienu lwewlu subghajh**. Hija qalet li kellu dbengil b'marka ta' id fuq daharu. Victoria Sammut xehedet illi kien hemm diversi kawzi kriminali pendenti bejn il-partijiet (fol.77).

A fol.80, gie ezebit kopja ta' Process Verbal dwar l-isparatura, allegatament, da parti tal-kwerelant fuq l-imputat Joseph Attard.

A fol.119, PC 111 Mark Anthony Camilleri xehed illi fit-12 ta' Gunju kien wasal l-Ghassa, il-kwerelant ma' membri tal-Mobile Squad u rraporta li waqt li kien fl-ghalqa ta' Skrejda, jaqta' l-bajtar, gie Joseph Attard, jaqta' l-bajtar u jitfghu ma' l-art, waqt li Joseph Galea reknu f'rokna bit-*tractor*. Galea u Attard qabdu l-kaxxa bajtar tal-kwerelanti u tefghuha ma' l-art u bdew isawtuh, qattawlu l-flokk u waqt li kien qed jipprova jcempel lil Pulizija, hadulu l-*mobile*. **Joseph Attard heddu li jekk ma jiffirmax li ma kienx ser jirfes fl-ghalqa aktar, kienu ser jibqaw isawtuh.** Il-kwerelanti rnexxielu jahrab, waqqaf karozza tal-Mobile Squad li wassluh sa l-Ghassa. Joseph Galea u Attard, cahdu l-allegazzjonijiet maghmula minn Sammut. **PC 111 Mark Anthony Camilleri ma ftakarx li l-kwerelant kellu xi griehi, izda kien jaf li kien agitat u li kien gharqan (fol.120).**

PS 162 Joseph Howard (a fol.123 et seq.) xehed illi fit-12 ta' Gunju, **l-kwerelant kien mar id-Depot tal-Pulizija, fil-qasam tas-CID** il-ghaliex deherlu illi r-rapport li kien ghamel hu fl-Ghassa tal-Qawra, **ma kienx qed jinghata l-attenzjoni li kien jisthoqlu.** PS 162 informa lil Qorti li huwa kien cempel lill-Ghassa tal-Qarwa, kellem lil PC 111 Camilleri li kkonfermalu li kien irregistra r-rapport tal-kwerelant u li ttihdu l-passi mehtiega. PS 162 Joseph Howard informa lil kwerelant b'dana kollu. Informah li kellu jmur l-isptar ghal certifikat mediku u li kellu jkellem lil avukat. **PS 162 Joseph Howard xehed li ma rax griehi fuq il-persuna tal-kwerelant u li dan kien gie l-*Head Quarters* tal-Pulizija <u>bil-mixi.</u>**

PC 1567 (a fol.125 et seq.) tal-Mobile Squad, ikkonferma li waqt li kien *patrol* il-Mellieha, kien hareg il-kwerelant minn qalb l-eghlieqi u qalilhom li kien qala xeba minn zewgt (2) irgiel. PC 1567 ikkonferma li huma dahlu fl-eghlieqi li gew indikati lilhom, sabu zewgt (2) irgiel li nnegaw kollox. PC 1567 xehed li l-kwerelant kien ilmenta li dawn kienu hadulu l-*mobile*, kienet saret tfittxija fl-inhawi u ma nstab xejn. **PC 1567 ikkonferma li l-kwerelant ma kellux griehi fuq il-persuna tieghu, hlief ghal xi grif zghir fuq idejh.**

PS 881 Charles Grech (a fol.138 et seq.) ezebixxa r-relazzjoni tieghu.

PS 1336 Jesmond Micallef ezebixxa r-relazzjoni tieghu Dok.JM.

Brigadier Maurice Calleja (a fol.164 et seq.) ezebixxa u kkonferma r-relazzjoni tieghu Dok.MC, waqt li P.L. Giuliana Scerri Ferrante ezebiet u kkonfermat ir-relazzjoni taghha (a fol.177 et seq.).

Ix-xhieda minn fol.241 sa fol.262 tirrigwarda allegat ksur ta' kundizzjoni tal-liberta' provisorja.

Nutar Tanti Burlo ezebixxa kuntratt ta' separazzjoni u likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti li jinstab a fol.272.

**Dr. Duncan Aquilina, fl-affidavit tieghu (a fol.281) ikkonferma li kien ezamina lill-kwerelant u sab li kellu brix hafif u ugiegh f'ghonqu u li dawn gew klassifikati bhala griehi ta' natura hafifa.**

Ix-xhieda ta' Spettur Mercieca (a fol.284) u x-xhieda ta' Joseph Attard (a fol.288 et seq.) jirrigwardaw allegat ksur ta' kundizzjoni tal-liberta' provisorja.

Perit Valerio Schembri ma spletax l-inkarigu tieghu (a fol.311 u fol.318)

PS 1261 (a fol.320) ezebixxa r-relazzjoni tieghu (Dok.PS).

A fol.330, Spettur Chris Pullicino kkonferma li kien *duty officer* meta dahal rapport ta' sparatura fejn 'Luna Apartment', Mellieha. Huwa kkonferma x-xhieda ta' l-Isepttur Joseph Mercieca.

A fol.333, Perit Valerio Schembri ezebixxa relazzjoni Dok.PS

PS 1261 Charles Pace ezebixxa sett ta' ritratti CP1 sa CP21.

Emanuel Sammut ezebixxa Dok.S1 sa Dok.S47, li jikludu sentenzi ta' separazzjoni personali bejn Emanuela u Joseph Attard taz-zewg istanzi u a fol.403 giet ezebita s-sentenza 'Pulizija vs. Emanuel Sammut'.

A fol.420, Joseph Galea xehed illi ma kienx solitu li huwa kien ikun fl-ghalqa in kwistjoni u li kien hemm biss, il-ghaliex Joseph Attard talbu jahratlu l-ghalqa permezz ta' *tractor*. Galea xehed illi kien intalab il-permess ta' Carmen Azzopardi, sabiex jghaddi bi *tractor* minn fuq l-art taghha u kif kienu ser jibdew x-xoghol tal-hart, Joseph Attard infurmah li kien hemm Emanuel Sammut. Galea xehed li Emanuel Sammut avvicina lil Joe *"u kif Joe jkun ser jaqta' bajtra, Manuel jehodielu."* (fol.421) Minhabba li gie bejn haltejn x'kellu jaghmel, Galea ddecieda li kellu jahrat mil-lat oppost ta' l-ghalqa. Ftit wara avvicinah Joe Attard u qallu biex jibda jahrat minn naha ta' isfel u ghalhekk dawwar it-*tractor* u beda jahrat il-ghaliex *"Ma ridtx nindahal bejniethom"* Ftit wara ra lil Manuel Sammut sejjer 'il barra lejn il-*bypass* u meta kien lahaq harat nofs l-ghalqa, ra lil tlett (3) Pulizija li kienu qeghdin ikellmu lil Joe Attard. Ghalhekk, huwa waqqaf it-*tractor* sabiex ma jimlihomx bil-hamrija u mar hdejhom.

Joseph Galea kkonferma li, meta gie mistoqsi mill-Pulizija, huwa qalilhom li ma kien ghamel xejn lil Manuel Sammut u li ma kienx ra ebda *mobile*. Illi l-Pulizija bdew icemplu permezz tal-*mobiles* taghhom, fuq in-numru li tahom Sammut, Galea tefa t-*tractor*, pero' l-mobile baqa ma nstabx. Il-Pulizija talbu lil Galea u lil Attard, jitilghu sa l-Ghassa tal-Qawra u Galea qalilhom li kif ilesti x-xoghol, jitla'. Pero', wara ftit it-*tractor* tieghu wehlet u ghalhekk kien cempel l-Ghassa tal-Mellieha u nfurmahom. Ftit wara regghu gew il-Pulizija. Giet moqrija l-istqarrija li l-imputat Joseph Galea kien irrilaxxa u kkonfermaha bil-gurament tieghu. Galea xehed li huwa jahdem raba tieghu sitwat il-Qammiegh, l-Ghadira u li, Joseph Attard, jahdem f'din r-raba mieghu. Galea xehed illi Joseph Attard kien talbu biex jahratlu din l-ghalqa minhabba li kellu xi kwistjonijiet ma' hutu u ghaldaqstant kien mar Attard, flimkien ma' Joseph Galea, ghand Carmen Azzopardi, sabiex jitolbuha permess, xi granet qabel. Peress li din kienet l-ewwel

darba li kien ser jahrat, Joseph Attard kien urieh minn fejn kellu jghaddi.

Joseph Galea xehed (a fol.425) illi Manuel Sammut qaghad quddiem it-*tractor* u li huwa talbu biex ihallieh bil-kwiet il-ghaliex hu (Galea) kien gie, fuq talba ta' Attard, semplicement sabiex jahrat. Illi Galea kiser '*ninety-degrees'* biex jeskapola lil Sammut u beda jahrat l-ghalqa mill-parti ta' isfel. Jaf illi Joseph Attard u Emanuel Sammut kienu lletikaw, fis-sens, illi kif Joseph Attard imur jaqta' bajtra, Emanuel Sammut imur jehodielu. Wara ftit gew il-Pulizija. Galea kkonferma li l-Pulizija bdew icemplu ghal dan it-telefon cellulari, izda t-*telephone* cellulari ta' Sammut, allavolja kien qed jirregistra *a ringing tone*, ma nstab imkien. Joseph Galea nnega illi, f'xi hin, huwa ha l-*mobile* tal-kwerelant. Sussegwentement, wara li spiccaw il-hart, Joseph Galea ma setghax jitla' certu rampa bit-*tractor* u ghalhekk cemplu l-Ghassa tal-Mellieha. L-ghada huma kellhom jergghu jkomplu jaqtghu l-bajtar ta' l-ghalqa in kwistjoni, kif ukoll, itellghu l-prodott, mill-ghalqa tal-Qammiegh, il-pitkalija. Gara, pero', li sehh l-incident ta' l-isparatura da parti ta' Emanuel Sammut fuq Attard.

Joseph Galea xehed li Joseph Attard kien jahdem din ir-raba flimkien ma' missieru (Joseph Attard Senior). Illi, fiz-zewg sentenzi (Dok.JG1 u Dok.JG2), jidher illi din ir-raba giet assenjatha lil Joseph Attard Senior. Joseph Galea jinnega li huwa agredixxa, b'xi mod, lil Emanuel Sammut jew li seraqlu l-*mobile*, jaf biss illi rah jigri lejn il-*bypass*. F'ebda hin ma ralu xi dmiegha ma' wiccu jew fuq gismu. L-ghada ta' l-incident meritu ta' l-akkuza, kien ghaddej bi trakk minn triq, sejjer lejn l-Ghadira fejn ghandu r-raba tal-Qammiegh u ra lil Joseph Attard fuq l-*istage* u deher li kellu qata kbira. Hemmhekk waqaf biex ikellmu u sar jaf li Manuel Sammut spara ghalih. Joseph Galea mbaghad rrakkonta kif Manuel Sammut tela fuq il-kaxxa tat-trakk tieghu u beda jarmi u jtajjar il-kaxex vojta tal-pitkalija, bl-addocc, fit-triq. Galea jinnega li hedded lil Sammut li kien ser iqattghu bir-roti tat-*tractor* jew li saq ghal fuqu. Jinnega wkoll illi kienu talbuh xi tletin Liri Maltin (Lm30,000) jew li hadlu l-*mobile* ghax hasbu li kien qed jiehu xi ritratti.

L-imputat Joseph Attard ikkonferma li huwa kien qed jaqta’ l-bajtar u li kien talab lil Joseph Galea sabiex jahratlu l-ghalqa bit-*tractor*. Illi ftit wara dahal Sammut u qabad jaqta’ l-bajtar ukoll u beda riesaq vicin lejh u beda joffendih u jheddu u ghajru ‘halliel’. Illi dak il-hin, Joseph Galea kien diga’ qieghed fuq it-*tractor* biex jibda jahrat u Sammut qaghad quddiemu. Illi Joe Galea dawwar it-*tractor* u telaq aktar ‘l isfel fl-ghalqa u beda jahrat hemmhekk. Ftit wara, Emanuel Sammut telaq mir-raba. Jinnega li hu jew Joseph Galea hebbew jew sawwtu lil Sammut, jinnega li qattalu l-flokk, anzi jghid li Emanuel Sammut kien liebes biss *shorts*. Illi, xi ghaxar (10) minuti wara li telaq, Sammut kien irritorna lura ma’ xi Pulizija u li beda jallega li hu u Joseph Galea kienu hadulu l-*mobile*. Il-Pulizija pprovaw icemplu fuq li Sammut kien tahom, il-*mobile* kien qed jirregistra *a ringing tone*, izda dan il-*mobile* ma nstabx.

Joseph Attard xehed illi s-sentenzi tal-Qorti kienu, fis-sens, illi huwa kellu l-pussess tar-raba tal-genituri tieghu. Illi, l-ghada filghodu, meta mar f’din l-ghalqa, sab il-kamra ta’ l-ghalqa sgassata u lemah lil Emanuel Sammut hiereg minn go fiha u sab l-arlogg tad-dawl imkisser, bieb maqlugh u sab il-hsara fil-pompa ta’ l-ilma. Illi, ftit wara, Sammut hareg senter ghalih. Ma’ Sammut kien hemm hutu bniet, Rose u Vicky.

Joseph Attard cahad illi fit-12 ta’ Gunju huwa hebb, b’xi mod, ghal Emanuel Sammut. Joseph Attard baqa jsostni illi huwa nghata d-dritt minghand il-genituri tieghu biex jahrat l-art in kwistjoni. Attard ikkonferma li Sammut kien offendieh bil-mara tieghu. Joseph Attard ikkonferma li huwa ma ra ebda griehi fuq Emanuel Sammut u li ma sab ebda *mobile*. Mistoqsi fuq il-grif li Sammut kellu fuq il-persuna tieghu, Attard sostna li dawn setghu kienu fuqu qabel ma wasal. Joseph Attard xehed li jaf li ommu kienet baghtitlu xi ittri biex ma jibqax jidhol fir-raba u li hu kien irrispondiha li ma setghax ma jidholx.

Carmen Azzopardi kkonfermat illi huha (Joseph Attard) u Joseph Galea kienu tawha permess sabiex jidhlu fl-ghalqa biex jahdmuha permezz ta’ *tractor*. Ikkonfermat illi

Emanuel Sammut qatt ma talabha permess biex jidhol fl-ghalqa.

Ikkonsidrat:

Illi mill-assiem tal-provi jirrizulta b'mod car, illi bejn il-kontendenti, hemm passat ikrah illi jirrikorri lura ghas-separazzjoni tal-genituri ta' l-imputat Joseph Attard u mart Emanuel Sammut (u cioe Joseph Attard Senior u Emanuela Attard nee' Vella) u d-divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti taghhom u d-drittijiet spettanti lil Emanuela Attard nee' Vella u t-tfal taghha. Jidher stabbilit li t-tfal kollha ta' Emanuela Attard, ghajr Joseph Attard, kienu jappogjaw lil ommhom (Emanuela) waqt li l-imputat Joseph Attard kien jappogja lil missieru (Joseph Attard Senior) li mieghu kien jahrat u jahdem ir-raba kollha tal-familja.

Illi jidher mill-atti processwali li kienu saru sensiela ta' rapporti u kontro rapporti mill-partijiet u gew intavolati diversi kawzi, kemm fil-Qrati Civili kif ukoll fil-Qrati tal-Magistrati. Dawn il-fatti jridu wkoll jigu meqjusa fid-dawl ta' dak li gara gurnata wara li gara dan l-incident, fejn il-kwerelant Sammut gie mixli li spara ghal fuq l-imputat Joseph Attard.

Il-Qorti, pero', hija tenuta li tifli u tezamina l-incident li huwa meritu ta' l-akkuzi migjuba kontra l-imputati.

Mill-assiem tal-provi jirrizulta illi fid-data in kwistjoni, Joseph Attard, kien inkariga lil Joseph Galea, biex jahratlu, permezz ta' *tractor*, l-ghalqa in kwistjoni. Ghal dan il-ghan, huma kienu kisbu l-permess biex jghaddu minn fuq l-art ta' ohthom Carmen Azzopardi, liema permess inghata kif ikkonfermat l-istess Carmen Azzopardi. Illi meta waslu l-imputati Joseph Attard u Joseph Galea fir-raba in kwistjoni, Joseph Attard beda jaqta' l-bajtar waqt li Joseph Galea beda jahrat. F'hin qasir, wasal Emanuel Sammut, illi wkoll beda jaqta' l-bajtar. It-tnejn xehedu u allegaw illi bdew jiehdu l-bajtar ta' xulxin u bdew jargumentaw. Emanuel Sammut jallega illi qala xeba kbira taht idejn iz-zewg imputati u spicca jallega

li Galea saq ghal fuqu, reknu bit-*tractor*, waqt li Attard kompla jsawtu u li Galea tah xebba daqqiet ta' sieq u spicca biex seraqlu l-*mobile*.

Fix-xhieda tieghu Emanuel Sammut (ara fol.48 et seq.) allega li Attard tah daqqa ta' ponn go wiccu u meddu ma' l-art, issussah mal-hajt, qattalu l-flokk, waqt illi Galea beda jtih bis-sieq go zaqqu u jtih bil-ponn go rasu biex ma jqumx minn ma' l-art. Victoria Sammut ukoll xehedet (a fol.77) illi zewgha (Emanuel Sammut) **kellu gundalla f'widnejh** u kellu marka ta' id stampata fuq daharu. Illi, minkejja din ix-xeba kerha, Emanuel Sammut irnexxielu jitlaq jigri minn fuq il-post u jwaqqaf karozza tal-Mobile Squad. **Il-Pulizija kollha xehedu li ma rawx griehi jew dmiegha fuq il-persuna ta' Sammut li kien b'zaqqu barra, izda biss innotaw brix hafif fuq imniehru u fuq idejh u kien preokkupat dwar il-*mobile* tieghu.** Il-Pulizija kollha li xehedu, li kienu precizi hafna fix-xhieda taghhom, sostnew illi huma kienu cemplu fuq dan il-*mobile* u li dan il-*mobile* kien qed jirregistra *a ringing tone*, izda ma nstab imkien.

Illi, di piu, **Dr. Duncan Aquilina**, fl-affidavit tieghu, **jikkonferma brix hafif fuq Emanuel Sammut** u kklassifika l-griehi bhala dawn ta' natura hafifa.

Ghandu jigi relevat illi l-kwerelant, minkejja li l-Pulizija ghamlu minn kollox, fis-sens li waqfu f'nofs ta' triq, akkompanjawh gewwa u kellmu lill-imputat, ghamlu tfittxija fuq il-post, cemplu diversi drabi fuq it-*telephone* cellulari tal-kwerelant u sahansitra waslu lill-kwerelant sa l-Ghassa tal-Pulizija sabiex ikun jista' jaghmel rapport, **l-istess kwerelant kien tal-fehema li l-Pulizija ta' l-Ghassa ma kienux ghamlu bizzejjed u mar jirregistra rapport ulterjuri fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija** mas-Surgent Howard li kkonferma li ma rax griehi fuq il-persuna ta' Sammut u kkonferma **li dan gie bil-mixi**.

Ikkonsidrat:

Il-Qorti, rinfaccjatha b'dan it-tip ta' provi, hi tal-fehema li l-kwerelant jidher li huwa persuna ta' disposizzjoni nervuza u panikuza u jtendi ghall-ezagerazzjoni. **Illi, m'huwiex la kredibbli, wisq inqas, verosimili, illi l-kwerelant jaqla xeba bhal dik li jiddeskrivi lil din il-Qorti minn taht idejn zewgt (2) ibdiewa, (li wiehed minnhom -Joseph Attard - ghandu statura mill-aktar robusta li, kwazi kwazi, tippersonifika l-istatura ta' bidwi Malti) u jehles b'semplici grif u jkun kapaci jahrab b'girja f'art mahruta friska; u jkun kapaci jerga' jidhol ikellem liz-zewg (2) bdiewa mal-Pulizija; jibqa' maghhom ghat-tfittxijiet tal-*mobile* tieghu; jmur l-Ghassa maghhom jaghmel ir-rapport; imbaghad, ghax dan ma jkunx bizzejjed, jinzel il-Kwartieri Generali tal-Pulizija, ikellem is-CID ha jaccerta ruhu mill-passi li jkunu hadu l-Pulizija.** Il-Qorti temmen illi, bejn Joseph Attard u l-kwerelant Emanuel Sammut, kien hemm tilwim li ddeterjora anke ghall-ammont ta' sarar, b'konsegwenza ta' griehi ta' natura hafifa, konsistenti fi grif u brix hfief mill-imputat Joseph Attard fuq il-kwerelant Emanuel Sammut.

Illi x-xhieda tal-Pulizija tal-Mobile Squad kienu cari u precizi u jidher illi l-kwerelant x'aktarx tilef dan il-*mobile* fost it-tragitti li ghamel dakinhar. Certament, din il-Qorti ma tarax illi l-akkuza ta' serq tal-*mobile* hija provata bla dubbju dettat mir-raguni.

Illi ghal rigward tat-tielet (3) akkuza, cioe ta' theddid, din il-Qorti taghraf li din l-akkuza giet ipprovata, bla dubbju dettat mir-raguni, ghal dak li jirrigwarda l-imputat Joseph Attard, li kien il-persuna li kellu kwistjoni fuq ir-raba msemmiha fl-akkuza mal-kwerelant.

L-imputati gew akkuzati b'*extorsion.* Din il-Qorti ma tista', bl-ebda mod, takkolji x-xhieda tal-kwerelant f'din il-materja u dan ghal diversi ragunijiet, fosthom principarjament illi din ma ssemmietx mill-kwerelant lil Pulizija tal-Mobile Squad li tawh l-ewwel ghajnuna. In fatti, din tidher li tqajmet biss l-ghada (u cioe 13 ta' Gunju) matul l-

investigazzjoni tat-tieni incident fuq l-allegat sparatura da parti tal-kwerelanti Emanuel Sammut fuq l-imputat Joseph Attard. **Din il-Qorti temmen li dan sar biss fi sforz biex jigi gustifikat, b'xi mod, l-allegat agir tal-kwerelant.** Irid jinghad hawnhekk, illi finalment, Emanuel Sammut gie liberat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu ghajr ghall-akkuza li spara arma tan-nar f'distanza ta' anqas minn mitejn (200) metru minn post abitat, li ghaliha nstab hati.

Mill-assiem tal-provi din il-Qorti tifhem li Joseph Galea kien terz, li ma kellux x'jaqsam mal-kwistjoni fuq ir-raba bejn l-imputat Attard u l-kwerelant Sammut u din il-Qorti tqis illi l-verzjoni moghtija minn Joseph Galea hija aktar verosimili minn dik ezagerata ta' Sammut. Din il-Qorti, bl-ebda mod, ma tista' takkolji l-verzjoni ta' Emanuel Sammut, li ssostni illi l-imputat Joseph Galea saq ghal fuqu bi *tractor* jew sawwtu bil-manjiera li Sammut jghid li sawtu, il-ghaliex il-griehi (grif u brix hfief) bl-ebda manjiera ma jikkorroborawx it-tezi tieghu u din l-allegazzjoni ta' sewqan bi *tractor* ghal fuqu ma saritx mal-Membri tal-Mobile Squad li tawh l-ewwel assistenza. Din il-Qorti ma tistghax tifhem kif (kieku kien hemm xrara ta' verita' f'dak li allega Sammut) persuna li allegatament ghadha kemm skappat minn attentat ta' omicidju, ser jerga jidhol fl-ghalqa fejn hemm l-agressuri tieghu sabiex ifittex il-*mobile*(!!!) waqt li ma jlissen xejn mal-Pulizija fuq l-attentat ta' omicidju.

Ghal rigward l-ahhar akkuza, in vista tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell datata 26 ta' Settembru 2010, din il-Qorti ma tarax kif tista' ssib htija fl-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat Joseph Attard.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat **Joseph Attard** mhux hati ta' l-ewwel (1), ir-raba' (4) u s-sitt (6) akkuza, li minnhom tilliberah u ssibu hati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) akkuza u wara li rat Artikoli 221, 339(b), 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundanna lill-imputat Joseph Attard ghal erba' (4) xhur priguneraja sospizi ghal sentejn;**

issib lill-imputat **Joseph Galea**, mhux hati skond l-akkuzi u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------